SANNAT

Minuti tal-ħdax il-laqgħa tas-seba' tal-leġislatura tal-Kunsill Lokali Sannat li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Marzu 2010 fis-7.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| | Guda Taddeus Bajada |
| | Manuel Tabone |
| | Joseph Bajada |
| L-Uffiċjali: | |
| Is-Segretarju | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

480 Il-Kunsillier Joseph Bajada talab sabiex l-Aġenda tal-laqgħa tintbagħat ħamest ijiem tax-xogħol qabel il-laqgħa biex ikun jista' jirranġa rigward ix-xogħol.

**Item 1 Approvazzjoni tal-Minuti**

481 Ġew approvati u ffirmati l-minuti tal-laqgħa numru għaxra li saret fit-13 ta' Jannar u l-minuti tal-istess laqgħa li tkompliet fit-18 ta' Jannar 2010.

**Item 2. Mill-Minuti**

482 *(para. 417)* Ittra mingħand il-President tar-Reġjun Għawdex dwar laqgħa li kellha ssir għas-Sindki u kopja tal-kuntratt tal-iskemi Green Pack/Green MT fejn kellha tittieħed deċiżjoni jekk hux ser jidħlu bħala Reġjun u liema skema. Is-Sindku qal li qabel l-laqgħa tal-Kunsill saret laqgħa għas-Sindki fejn kellhom jiġu diskussi ż-żewġ skemi li hemm dwar l-iskart separat. Hu ma setax jattendi għar-raġuni li l-mini bus li kien fiha kellha aċċident tat-traffiku.

483 *(para. 456)* Ittra mill-ETC fejn iridu feedback fuq il-part time clerk. Peress li twaqqfu l-ħaddiema tal-Iskema tax-Xogħol fil-Komunita' u marru jirreġistraw, għalhekk il-persuna li kienet tagħmel ix-xogħol klerikali li kienet tidħol temporarjament ma setgħetx tidħol xogħol iżjed nhar ta' Sibt. Is-Segretarju kiteb lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar is-sitwazzjoni fejn irċieva risposta bil-miktub li tgħid li bħala Segrtarju Eżekuttiv għandu jara li l-uffiċċu jinfetaħ u jekk ma jinfetaħx jittieħdu miżuri punitivi kontra l-Kunsill. Il-Kunsill iffissa d-data għal interview li ser issir nhar is-Sibt, 13 ta' Marzu 2010. Is-Sindku irtira milli joqgħod fuq il-bord tal-

bord tal-interview. Il-persuni li applikaw għandhom jiġu nfurmati bl-interview.

484 *(para. 466)* Wara li nkitbitilhom ittra, tal-IPSL bagħtu xi ħaddiema f'Triq Mġarr ix-Xini fejn kienu qed jibnu l-ħajt. Rene Savona Ventura, il-persuna responsabli mill-ħaddiema tal-IPSL kiteb lura u qal li kienu kostretti jieħdu l-ħaddiema minn fuq il-post, imħabba xogħol ieħor urġenti li kien jirrikjedi aktar nies.

485 *(para. 325)* Dwar l-Mġarr ix-Xini Regional Park għandha tiġi ffissata laqgħa mal-Kunsill Lokali tax-Xewkija dwar dan il-proġett.

486 Il-laqgħa annwali tal-lokalita' saret fil-5 ta' Frar 2010.

**Item 3. Korrispondenza**

487 Memo 17/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-ħatra tal-Udituri tal-Gvern Lokali. L-uditur tal-Kunsili Lokali ta' Għawdex kollu ser jkunu Messrs. Bailey Co.

488 Memo18/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Skema ta' Finanzjament għal Lokalitajiet Sostenibbli. Ser jintgħażlu tliet Kunsilli Lokali taħt din l-iskema biex ifasslu strateġija għal żvilupp sostenilbbi.

489 Memo 19/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Fondi għal Konferenzi Internazzjonali f'Malta.

490 Memo 20/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar ir-Rapport tal-Effiċenza tal-Kunsilli Lokali.

491 Memo 21/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Skema ta' finanzjament għal restawr ta' postijiet storiċi żgħar. Dwar din saret applikazzjoni għal fondi sabiex jinfetaħ, jitnaddaf u jinxtegħel xelter fil-Pjazza Santa Margerita. L-istima tax-xogħol hi ta' €6,970.

492 Memo 22/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar ħruġ ta' Bye-laws ta' Santa Lucia.

493 Memo 23/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar avviżi tal-MEPA dwar applikazzjonijiet għal żvilupp .

494 Memo 24/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li kienet Avviż Legali dwar ir-regolamenti tal-2010 dwar Kumitati Amministrattivi għal Komunitajiet.

495 Memo 25/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-kuntatt tal-ġbir domestiku mħallat.

496 Memo 26/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Taxxa fuq l-Allowance lill-Kunsilliera.

407 Memo 27/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-Skema ta' finanzjament ta' proġetti specjali f'lokalitaijiet żgħar. Saret applikazzjoni għal għajnuna taħt din l-iskema biex issir latrina pubblika fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini. Dwar din l-applikazzjoni hemm diffikulta' dwar l-proprjeta' tal-art li hi taħt wiċċ it-triq fil-parti tal-bajja ta' Mġarr ix-Xini. Ġie il-perit mit-Taqsima tal-Proprjeta' tal-Gvern fejn għamel spezzjoni fuq il-post għaliex din il-parti tat-triq li hi miksija bil-konkos ma tidhirx li hi proprjeta' tal-Gvern. Il-perit E. Scerri għamel xi ricerka fid-Dipartiment tal-Artijiet ta' Għawdex u qal li din tidher li hi proprjeta' ta' Ċenċ. Għandu jsir

SANNAT

appuntament ma’ Victor Borg li hu proprjetaru ta’ Ċenċ dwar din l-art. Ġie reġistrat il-permess tal-latrina tal-bajja ta’ Mġarr ix-Xini għand il-MEPA.

498 Memo 28/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Strateġija Nazzjonali dwar l-immaniġġjar tal-iskart. Il-Kunsilli għandhom jieħdu passi sabiex joħorġu sejħa għall-offerti għal kuntratt ġdid dwar ġarr ta’ skart organiku u biex il-Kunsilli jidħlu fi ftehim ma’ xi waħda miż-żewġ skemi li hawn biex jieħu ħsieb il-ġarr tal-iskart separat.

499 Memo 29/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar mistoqsijiet Parlamentari.

500 Memo 30/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Avviż Legali 63/2010 dwar il-Bord ta’ Governanza.

501 Memo 31/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar ir-Riforma fit-Transport Pubbliku u l-Għoti ta’ kuntratti/assenjazzjonijiet mill-Kunsilli Lokali għal transport Pubbliku bi Skeda. Il-Kunsill għandu jikteb lid-Drettur tal-Gvern lokali dwar it-transport li qed jagħmel għat-tfal tal-iskola primarja.

502 Memo 32/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Skema ta’ għajnuna lill-Kunsilli Lokali li tul is-sena jilqgħu fihom attivitajiet fuq skala nazzjonali li jkun organizzati esklussivament mill-gvern ċentrali.

503 Memo 33/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Fondi Ewropei għall-iżvilupp Reġjonali (FEŻR) 2007 – 2013. Din it-talba hi ristretta għal interventi li jirrigwardjaw l-użu effiċjenti tal-enerġija u sorsi rinovabbli tal-enerġija fl-infrastruttura minn Kunsilli Lokali.

504 Memo 34/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Avviż Legali dwar ir-regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-regolamenti dwar Kumitati Amministrattivi għal Komunitajiet.

505 Memo 35/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-użu ta’ bexx u pestiċida biex jitneħħa ħaxix ħażin. Il-kuntratturi tal-Kunsill għandhom jiġu nfurmati dwar il-bexx u pestiċida.

506 Memo 36/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar kuntratti mogħtija mill-Kunsilli Lokali fl-2009.

507 Memo 37/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar konferenza internazzjonali dwar ġemellaġġi. Tiġi nominata persuna li sservi ta’ *contact point* biex tgħin fil-preparamenti meħtieġa. Tintbagħat stedina lil lokalitajiet ġemellati magħhom għal din il-konferenza u jiġu mistiedna artisti kif ukoll artiġġjana u produtturi lokali kif ukoll mill-lokalitajiet ġemellati biex jieħdu sehem permezz ta’ wirjiet/ esebizzjonijiet matul il-jumejn tal-konferenza. Wara l-Segretarju kiteb lid-Dipartiment tal-Gvern lokali baghtu l-informazzjoni li s-sehem tal-konferenza ser ikun bla ħlas. Bħalissa l-kumitat organizzattiv qed jaħdem biex jikseb xi sponsors u xi forma ta’ għajnuniet biex tittella’ din il-konferenza kif ukoll bil-possibilta ta’ xi forma ta’ sussidji u rati vantaġġjużi għal ivvjaġġar. Il-Kunsill qabel li hu interessat li jipparteċipa f’din il-konferenza, imma jrid jara xi spejjeż hemm u ktar dettalji dwar din l-attivita’.

508 Memo 38/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar iż-żjara tal-Papa Benedettu XVI fis-17 u t-18 ta’ April 2010.

SANNAT

509 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Memo 70/2009 li skond l-artiklu 40 tal-Att dwar Kunsilli Lokali meta jinħarġu sejħiet għall-offerti u kwotazzjonijiet hemm l-obbligu legali li jiġu ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern, kif ukoll f'gazzetta waħda ta' kuljum permezz tad-Dipartiment.

510 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar konferenza li ser issir f'Malta tal-*ICT-enabled sustainability in smart cities*.

511 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-allowance tal-kunsilliera li din għandha tkopri l-ispejjeż kollha konnessi ma' xogħol tal-Kunsill inkluż il-mobile phones tas-Sindki. L-ebda tip ta' rinbors ma hu permess.

512 Ittra mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar t-tibdil li qed isir fuq il-laqgħat li jsiru mill-AKL dwar l-aġġornament tal-lista tas-Sindki li jagħmlu d-diskors ta' merħba f'dawn il-laqgħat.

513 Ittra mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar slot fuq TVM ta' ħmistax-il minuta. Dan jkun għall-prezz ta' €200.

514 Ittra mingħand Mark Causon, EU Affairs Consultant fejn informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni tal-Kunsill għal EU grant taħt Town Twinning Citizen's Meetings Phase 2 biex grupp ta' 110 minn Sannat u grupp ta' 25 persuna minn Erchie fl-Italia jmorru għal jumejn f'Pisoniano mit-8 sa 9 ta' Awwissu 2010 ġiet sottometta għand l-E.A.C.E.A. Is-Sindku qal li jrid jivverifika dwar din l-applikazzjoni. Hu qal li jixtieq jagħmel tip ta' friendship ma' Pisoniano u Erchie.

515 Ittra minn għand l-ETC dwar il-ħaddiema li hemm fi Skema Xogħol fil-Komunita' dwar jekk il-Kunsill jixtieqx iżomm lil dawn il-ħaddiema għas-sitt xhur li ġejjin biex jagħmlu xogħol fil-komunita'. Dwar din inkitbet ittra sabiex dawn il-ħaddiema jibqgħu assenjati mal-Kunsill.

516 Petizzjoni biex tiġi ffirmata kontra l-kaċċa illegali li ntbagħtet minn Din l-Art Helwa.

517 Ittra mingħand Kinderclub li huma jorganizzaw parties, inkluż dawk tal-Milied, tal-karnival u festi oħra għat-tfal f'ambjent sabiħ.

518 Ittra mingħand Merlin Library dwar bejgħ ta' kotba.

519 Ittra mingħand Green MT li huma lesti li jiltaqgħu mal-Kunsill biex jispjegaw x'toffri l-iskema tagħhom għal Kunsilli Lokali.

520 Ittra mill-Kunsill Lokali Kirkop dwar il-proġett LITUSGO dwar *Integrated Coastline Zone Management and Climate change* biex il-Kunsilli jissieħbu magħhom. Il-Kunsill għandu jivverifka dwar dan il-proġett.

521 Ittra dwar il-konferenza European Year of Creativity & Innovation Closing Conference.

522 Ittra mill-MEDC fejn il-Youth Section li qed jikkordinaw il-laqgħa taż-żgħażagħ mal-Papa fil-Valletta Water Front fit-18 ta' April u qed jitlobu lill-Kunsilli Lokali sabiex ikunu jistgħu jirreġistraw fil-Kunsill għal din il-laqgħa.

523 L-Applikazzjonijiet tal-EU għal fondi. Saret laqgħa fl-uffiċċju tal-MEUSEC nhar il-Ħamis, 18 ta'


Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

ta' Frar dwar il-fondi tal-E.U. fejn preżenti kien hemm Dr. Christ Said, Daniele Fantacci u Aldo Formosa fejn ġew spjegati l-opportunitajiet li hemm.

524 Ittra Official Statement from Gozo SPCA li s-Center manager ser tirreżenja u li huma mhux ser jieħdu iktar klieb għar-raġuni li ma għandhomx wisgħa għal klieb.

525 Ittra mill-OASI dwar skemi ta' sponsors għal attivita' Riflessi Sajfin.

526 Ittra dwar seminar li sar fit-3 ta' Frar dwar Fondi mill-EU tal-PPCD u CIP.

527 Ittra mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-kwistjoni tal-GRTU li għandha mal-gvern ċentrali ma' re-rilaxxament tal-eko-kontribuzzjoni u li l-Kunsilli ma għandhom x'jaqsmu xejn ma' dan id-disgwid u għalhekk kull azzjoni li titieħed tmur kontra kull ftehim li għandha.

528 Ittra mill-Green Pack li hi ma għandha l-ebda problema mal-kolletturi tagħha u għalhekk s-sistema tal-ġbir separat ser tibqa' għadejja bħas-soltu u b'mod normali.

529 Ittra mingħand Mons. Anton Saliba dwar il-kotba li kiteb. Il-Kunsill qabel li jinxtara sett kotba kemm ta' Mons Anton Saliba kif ukoll tal-Mons. Sciberras.

530 Ittra mingħand il-Kunsillier Manuel Tabone dwar id-dawl tal-pjazez li ser jinbidel mill-Ministeru għal Għawdex biex isir b'enerġija alternativa. Hu ssuġerixxa li ninkludu il-pjazez tax-Xelina, Ta' Cocco Palmeri u Pjazza Santa Margarita. Dwar din saret l-applikazzjoni.

531 Ittra mingħand il-President tar-Reġjun Għawdex dwar laqgħa li kellha ssir għas-Sindki u kopja tal-kuntratt tal-iskemi Green Pack/Green MT fejn kellha tittieħed deċiżjoni jekk hux ser jidħlu bħala Reġjun u liema skema.

532 Ittra mingħand Jason Curmi dwar il-Performance Bonus.

533 L-ETC bagħtu ħaddiem ieħor taħt l-iskema Skema fil-Komunita li hu Dennis Vella. Dan qed jaqta' l-ħaxix fi Triq tal-Lewż.

534 Dwar il-bini il-ġdid il-perit bagħat lista ta' affarijiet li ma kinux intbagħtu minn Grech Marbles Ltd. jew iridu jinbidlu għaliex ma jaqblux max-xogħol.

535 Kellu jsir seminar dwar in-National Rural Network nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Marzu 2010.

536 Nhar il-24 ta' Marzu 2010 ser issir laqgħa fis-sala tal-Ministeru għal Għawdex fil-1.15 p.m6dwar il-proġett Kunsilli Lokali Żgħażagħ.

537 Ittra mill-Malta Independent dwar l-effiċenza tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

538 Ittra mid-Dipartiemnt tal-Gvern Lokali li l-Management Authority ser toħroġ l-applikazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Żvilupp Reġjonali (FEŻR) 2007 - 2013 fl-aħħar ta' April 2010. Din tikonċerna Memo 33/2010 dwar it-Turizmu.

539 Dwar l-iskema għall-inizjattivi Sportivi għall-Kunsilli Lokali, il-Kunsill ġie approvat is-somma ta' €1,740. Il-kuntratt intbagħat illum. Nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Marzu 2010 ser tinżamm l-attivita' li matulha jiġu ppreżentati l-kuntratti tal-Kunsilli Lokali mis-Segretarju Parlamentari Clyde Puli

Clyde Puli u Chris Said fl-iskola Primarja tas-Siġġiewi fil 2.00p.m. Is-Sindku ser imur għal din iċ-ċerimonja.

540 Ittra mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-pożizzjoni li għandha tittieħed in kwistjonijiet ta' ħlasijiet pendenti mill-MEPA lill-Kumitati Konġunti. L-Assoċjazzjoni ordnat li għandu jiġi sospiż l-ipproċessar tal-kawżi tal-MEPA fit-tribunali u ma jiġux aċċettati ħlasijiet ta' penali relatati ma' kontravenzjonijiet tal-MEPA fil-Kunsilli Lokali.

541 Intbagħtet kopja tad-dokument tar-Riforma tal-LES.

542 George Azzopardi kiteb dwar l-iskavi tas-sajf li ġej. Hu qal li l-universita' mhux ser ikollhom it-trakk tal-universita' għad-dispożizzjoni tagħhom u għalhekk irid jinkera van jew trakk biex ikunu jistgħu jġorru l-għodda għall-iskav ta' Għar ix-Xiħ. Inġabu tliet stimi dik l-aktar favorita hi ta' FX Garage. Dawn l-ispejjeż jinqasmu bejn iż-żewġ Kunsilli Lokali. L-irħas waħda kienet ta' €18.64ċ (excluding VAT).

543 Saret l-applikazzjoni għal *removable roundabout* fir-round about ta' Sannat mill-Ministeru għal Għawdex għand il-MEPA. In-numru tal-applikazzjoni hu 04983/09.

**Item 4 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

544 Weekend Break

Is-Sindku pppropona li jiġi organizzat Weekend Break għan-nies tal-lokalita'. Din l-attivita' għandha ssir f' Weekend fil-Qawra Palace Hotel. Dan ikun half board għal prezz ta' €55. In-nies iridu ħallsu għat-transport ta' Malta u l-vapur. It-trasport mix-Xatt jitħallas mill-Kunsill. L-Arċipriet għandu jiġi mitlub jagħmel avviż fuq il-bulettin tal-knisja.

545 Notte Scarlata

Dwar l-attivita' Notte Scarlata li ser issir bejn l-4 u 6 ta' Ġinju 2010 għandu jitwaqqaf Sotto Kumitat sabiex jaħdem fuq din l-attivita'. Għandha tinħareġ sejħa sabiex min jrid jgħin. Din għandha titwaħħal fin-Notice Board bejn il-15 ta' Marzu sa 2010.

Ilmenti li waslu lis-Sindku.

546 Biex bozza li hemm ftit 'il fuq minn Mary Scicluna fi Triq Xabbata tiġi spostjata ftit. Il-Kunsill qabel li din tiġi spostjata ftit 'il fuq.

547 Issemma li s-siġar li hemm fil-lokal hemm bżonn li jinżabru bħal dawk ta' Marsilja u ta' Triq il-Kbira. Ġie suġġerit li dawn jinżabru minn Leli Curmi. Għandha tintalab stima tax-xogħol.

548 Fi Triq Ċenċ intalbet mera quddiem *drive way* fejn il-Mini Market. Din ġiet approvata.

549 Issemmiet li madwar il-lokalita' hemm diversi miżbliet fuq il-bankini bħal ġebel u boroż. Il-Kunsill qed jikkunsidra jekk joħroġx avviż sabiex jitneħħew oġġetti ta'

sgombru jew materjal fuq il-bankini li qed jostakulaw l-użu tal-bankini u jekk ma jitneħħiex f'ċertu żmein dawn jitneħħew mill-Kunsill.

550 Website tal-Kunsill

Dwar il-website issemma li hemm żgħażagħ mill-lokal li qed jistudjaw u għandhom esperjenza li kapaċi jagħtu xogħol tajjeb. Dan għandu jsir bi ħlas. Issemmew diversi persuni.

551 Clean up Sannat

Sar suġġeriment li ssir attivita' permezz tat-tfal tal-iskola primarja fejn jiġu murija kif jisseparaw l-iskart. Jekk possibbli jinġab sponsor għal ingwanti mingħand xi kumpanija. Għandu jiġi kkunsultat il-kap tal-iskola dwar din l-attivita'.

**Item 5. Il-perit Gordon Vella rigward l-irziezet**

552 Il-Kunsill qabel li għandha ssir xi ħaġa ħalli nirregolarizzaw l-irziezet billi nedukaw lil sidhom u jekk possibbli issir laqgħa magħhom flimkien mal-perit. Il-perit Vella għandu jiġi mitlub jippreżenta stima biex jipprepara l-istudju. Hu għandu jiġi mitlub jiltaqa' mal-Kunsill.

**Item 6. Il-Kwotazzjonijiet tax-xogħol tal-ħadid.**

553 Il-Kunsillera Tadeo Bajada u Joseph Bajada ddikjaraw li hemm interess familjari għaliex hemm r-raġel tan-nepputija tagħhom. Huma ħarġu 'il barra mill-laqgħa. Infetħu l-kwotazzjonijiet għal manifattura u installazjoni tax-xatba tal-ħadid iggalvanizzat fl-uffiċċju il-ġdid tal-Kunsill Lokali Sannat. Kwotazzjonijiet inxeħtu sitta li kienu:

Schedule of Quotations
Quotations 01 / 2010
Quotations for manufacture and installation of galvanized wrought iron fennc at New Local Council Offices in Triq Sannat
Closing date 19th February 2010 (Opened on 5th March 2010)

| No. | Contractor | Amount € |
|---|---|---|
| 1 | John Cini | 2,460.00 |
| 2 | Lawrence Farrugia | 1,791.50 |
| 3. | Cisju Attard | 2,527.20 |
| 4. | Nochalas Cini | 2,838.00 |
| 5. | Joe Sciberras | 1,246.40 |

| | | |
|---|---|---|
| 6. | Ruben Camilleri | 2,444.92 |

Il-Kunsill għandu jgħaddi dawn il-kwotazzjonijiet tiegħu lill-perit sabiex jagħmel rapport dwar dawn il-kwotazzjonijiet.

554 Infetħu l-kwotazzjonijiet għal manifattura u installazjoni tal-gallariji tal-ħadid iggalvanizzat fl-uffiċċju il-ġdid tal-Kunsill Lokali Sannat. Kwotazzjonijiet inxeħtu sitta li kienu:

**Schedule of Quotations**
**Quotations 02 / 2010**
**Quotations for manufacture and installation of galvanized wrought iron balcony railings at New Local Council Offices in Triq Sannat**
**Closing date 19th February 2010 (Opened on 5th March 2010)**

| No. | Contractor | Amount € |
|---|---|---|
| 1. | Charles Cini | 2,767.50 |
| 2. | Lawrence Farrugia | 4,480.00 |
| 3. | Cisju Attard | 2,833.70 |
| 4. | Nochalas Cini | 3,706.00 |
| 5. | Joe Sciberras | 1,536.38 |
| 6. | Ruben Camilleri | 2,890.00 |

Il-Kunsill għandu jgħaddi dawn il-kwotazzjonijiet tiegħu lill-perit sabiex jagħmel rapport dwar dawn il-kwotazzjonijiet.

555 Infetħu l-kwotazzjonijiet għal manifattura u installazjoni tar-railing tal-ħadid iggalvanizzat għat-taraġ fl-uffiċċju l-ġdid tal-Kunsill Lokali Sannat. Kwotazzjonijiet inxeħtu sitta li kienu:

**Schedule of Quotations**
**Quotations 03 / 2010**
**Quotations for manufacture and installation of stairs wrought iron railing at New Local Council Offices in Triq Sannat**
**Closing date 19th February 2010 (Opened on 5th March 2010)**

| No. | Contractor | Amount € |
|---|---|---|
| 1. | Charles Cini | 3,500.00 |

| | | |
|---|---|---|
| 2. | Lawrence Farrugia | 3,120.00 |
| 3. | Cisju Attard | 4,980.00 |
| 4. | Nochalas Cini | 3,840.00 |
| 5. | Joe Sciberras | 1,560.00 |
| 6. | Ruben Camilleri | 8,795.00 |

Il-Kunsill għandu jgħaddi dawn il-kwotazzjonijiet tiegħu lil perit sabiex jagħmel rapport dwar dawn il-kwotazzjonijiet.

**Item 7. Materja oħra**

556 Il-Kunsillier Joseph Bajada responsabbli mill-manutenzjoni tad-dawl fil-lokal semma l-playing field għadu bil-fanali mitfija. Is-Segretarju nfurmah li l-kuntrattur għadu ma sabx fanali bħalhom. Il-Kunsill qabel li l-kuntrattur għandu jiġi mitlub jagħmel tip ta' fanali ġodda.

557 Il-Kunsill approva li fi Triq Ċenċ fejn ta' Noel Borg issir bozza ġdida.

558 Saret il-manutenzjoni tal-photo copier fejn irriżulta li din għandha bżonn ta' drum, rook kit, developer u x-xogħol sabiex jinbidlu li bil-VAT jammontaw għal €738.21ċ. Biex tinxtara waħda ġdida tqum ftit ta' mijiet ta' Euro iżjed milli tissewwa. Il-Kunsill qabel li jinġabu kwotazzjonijiet għal photocopier.

559 Monitor ta' komputer ġralu l-ħsara. Għandhom jinġabu tliet stimi.

560 Inġibdet l-attenzjoni li l-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart domestiku qed jiġbor l-iskart mhux imħallat ma' dak imħallat. Il-Kunsill għandu jikteb lill-kuntrattur fejn tinġibed l-attenzjoni dwar dan.

561 Bħalissa nfetħu l-applikazzjonijiet tal-fondi tal-PPCD. Dawh huma:

X IV Fuq l-enerġija dwar enerġija fuq il-bjut tal-Kunsilli Lokali u NGO's kif ukoll għal bozoz energy saving. Din ser tagħlaq f'nofs April.

X II Hija applikazzjoni oħra li tirrigwardja t-Turiżmi għall-pjazez li tista' ssir ndividwali (Restoration of Tourism Places). Eżempju hu bħal Information Map u jinfetaħ xi xelter. Dawn il-fondi jingħataw fuq studji ta' traffiku u akkomodazzjoni turistika bħal lukanda fil-lokalita'.

Applikazzjoni oħra hi ta' Italia – Malta Axes I & II. Dan jsir b' żewġ partners u bil-Leader Partner:

Eżempju bħal Accessibilta' għat-turiżmu bħal *bicycle station* f'kull pjazza prinċipali tar-raħal ta' Għawdex.

L-applikazzjoni tal-ERDF ser toħroġ ukoll.

**Item 8. Ilmenti**

562 Joe Xiberras ta' Eden Main Street u xi nies oħra li għandhom l-irziezet u ġaraxxijiet f'tal-Bardan talbu li tiġi rranġata t-triq għaliex qiegħda fi stat perikoluż u qed jagħmlu l-ħsara lill-inġenji tagħhom. Nhar it-Tnejn stess dak inhar li daħlu l-imenti xi ħaddiema tal-gevrn xeħtu t-torba biex jimlew it-toqob tat-triq Bardan. Din it-torba inxteħter fuq il-ħaxix li kien hemm. Il-Kunsill ma ġiex infurmat dwar dan u kien hemm xi ilmenti minn xi familji li joqogħdu hemm.

563 Ilment ieħor hu ta' persuna minn Triq Xamgħan li l-bin taż-żibel tħalla fin-nofs tat-triq mill-ħaddiema tal-iscamel u tkisser meta dan suppost jitpoġġa fuq il-bankina.

Il-laqgħa spiċċat full-10.15 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal kontinwazzjoni għal nhar il-Ħamis 11 ta' Marzu 2010 fis-7.00 ta' filgħaxija.

Arthur Bajada | Philip Vella

Segretarju Eżekuttiv | Sindku


Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535